NEWSPAPER POST

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

*Lulju - Awissu 1992* *Nru. 67*

*Il-Kelma ta' l-Arcipriet*

# EJJEW NAGĦMLU FESTA

Għaddiet sena oħra! Lulju reġa magħna! U ma' Lulju dlonk tfiġġ quddiemna l-festa ta' San Ġorġ,Patrun tagħna u Patrun tal-gżira Għawdxija.

Il-festi lill-qaddisin ma jsirux għal xejn, jew inkella sempliċement bi drawwa, jew inkella għaliex jiffurmaw parti mill-folklor ta' pajjiżna. Huwa veru li permezz tagħhom inkomplu nżommu ċerti tradizzjonijiet għeżież. Iżda l-iskop tal-festi huwa ferm ogħla.

Permezz tal-festi lill-qaddisin Patruni tagħna, aħna nersqu iżjed lejn Alla, għaliex il-qaddisin juruna b'liema mod għexu l-ħajja tagħhom, u kif irnexxielhom jogħġbu 'l Alla b'egħmilhom.

**SAN ĠORĠ** igħallimna ħafna u ħafna affarijiet!

Hu kien il-**BNIEDEM TAL-FIDI:** emmen f'Alla, u ra fiH is-Sid, il-Ħallieq. Minkejja l-ambjent pagan li fih kien igħix, hu għaraf li hemm Alla wieħed, u lilu ħabb, lilu qeda, u lilu BISS adura.

Hu kien ukoll il-**BNIEDEM TAT-TAMA:** ittama f'Alla dejjem u f'kull sitwazzjoni. Intreħa f'idejh fil-mumenti diffiċli ta' ħajtu, waqt il-prova, fil-martirju. U Alla ma telqux waħdu. Indukrah, għasses fuqu, daħal għalih.

Hu kien il-**BNIEDEM TA' L-IMĦABBA:** ħabb 'l Alla l-ewwel u qabel kollox, u kien mimli bl-imħabba lejn il-proxxmu tiegħu. Qassam ġidu lill-foqra u ta l-ħelsien lill-ilsiera kollha ta' dar missieru.

Għaddew kważi kważi 17-il mitt sena miż-żmien li fih għex San Ġorġ. Id-dinja tbiddlet totalment; iżda dak li wettaq San Ġorġ dak in-nhar nistgħu u għandna nwettquh aħna li qed ngħixu llum, **fl-1992:** aħna fejn aħna u aħna min aħna.

Din hi l-festa li rridu nagħmlulu lil San Ġorġ din is-sena. Festa ta' ċelebrazzjonijiet liturġiċi serji u mimlija sinifikat fil-Bażilika ddedikata lilu. Festa mimlija marċijiet u briju; daqq ta' qniepen u logħob meqjus tan-nar. Iżda fuq kollox rridu nagħmlulu festa li biha

*ikompli f'paġna 2*



IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*

*Il-Kelma ta' l-Arcipriet* *ikompli mill-ewwel paġna*

nuru quddiem kulħadd li aħna wlied denji tiegħu. Din il-festa nistgħu nagħmluha jekk aħna nimitawh f'ħajjitna.

***Dan hu l-awgurju tiegħi għalikom:***

* **Kunu bnedmin ta' FIDI:** fidi soda, mistqarra, li tagħmel minnkom nsara qaddisin.

* **Kunu bnedmin ta' TAMA:** taqtgħux qalbkom, afdaw f'Alla u Alla jieħu hsiebkom.

* **Kunu bnedmin ta' IMĦABBA:** ħobbu 'l Alla u tibdluh ma' xejn; ħobbu lil xulxin, kif ħabbna Hu.

**Nawguralkom ilkoll il-Festa t-Tajba!**

***Mons. Salv Borg***
***Arċipriet***

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

**13.06.92:** GEORGENE , bint Lawrence Buttigieg u Lina nee' Cefai.
**20.06.92:** SASHA, bint Saviour Piscopo u Rose nee' Xerri
**21.06.92:** MARK LAWRENCE, iben Teddie Zammit u Frances nee' Grima

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

**06.06.92:** George Cauchi u Miriam Farrugia
**07.06.92:** Anthony Galea (Fontana) u Maria Assunta Vassallo.
**13.06.92:** Teddy Azzopardi (Sannat) u Mary Grace Parnis.

## MAR JINGĦAQAD MA' KRISTU RXUXTAT

**28.05.92:** Guzeppi Farrugia

## DUN JONH VELLA – *Sacerdot Ġdid*



Il-Kapitlu, il-Presbyterium Parrokkjali u l-Komunita` Parrokkjali ta' San Ġorġ jifirħu lil Dun John Vella, li nhar is-Sibt, 27 ta' Ġunju 1992 irċieva l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu minn idejn l-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex. Nixtiequlu **AD MULTOS ANNOS.**

*editorjal*

# NIĊĊELEBRAW FLIMKIEN

Nhar il-Ħadd 19 ta' Lulju niċċelebraw il-festa tal-patrun tagħna u ta' gżiritna SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI. F'dak il-jum tant mistenni nitilqu d-djar tagħna, ix-xogħol tagħna, id-delizzju tagħna, l-impenji tagħna u kulma jista' ixekkilna biex nersqu bi ħġarna lejn il-Bażilika tagħna ħalli flimkien insellmu, f'dan il-jum ta' festa, lil Ġorġi Tagħna.

Insellmulu għax inħobbuh. Insellmulu għax qiegħed f'qalbna kull ħin. Insellmulu għax sa minn dejjem kien il-patrun tagħna. Insellmulu għax nafu kemm ħabbewh missirijietna. Insellmulu għax huwa l-Prinċep tal-Martri u lilna jgħallimna kif verament għandha tkun l-imħabba tagħna lejn Kristu l-Feddej.

F'dawn il-ġranet ta' festa kull Ġorġjan iħoss ġo fih xi ħaġa mhix tas-soltu. U għalhekk il-festa.Iżda dan mhux biżżejjed. Irridu li kuljum inħossu li Ġorġi qiegħed fostna. Li Ġorġi qiegħed magħna. Li Ġorġi huwa d-difensur tagħna. Li Ġorġi jista' jkun għalina difensur kontra dak kollu li matul ħajjitna fiż-żminijiet ta' illum jipprova ibiegħedna mill-valuri nsara li tant u tant għożżew u ħabirku biex ma jintilfux missirijietna.

Iżda din il-ħeġġa, din l-imħabba, din id-devozzjoni għandna nħossuha matul ix-xhur tas-sena kollha. Għandna nħossuha meta nħossuna bla saħħa kontra l-irwiefen tad-dinja moderna. Għandna nħossuha kull meta nħossuna mifluġin mit-toqol tal-ħajja. Għandna nħossuha kull meta nkunu l-bogħod mill-imħabba ta' l-Għallem Divin - Sidna Ġesu' Kristu.

U nitolbuh lil San Ġorġ fil-jum tal-festa tiegħu. Nitolbuh jieqaf magħna. Ma' uliedna. Mal-familji tagħna. Maż-żgħażagħ tagħna. Mal-fqar tagħna. Ma' dawk li abbandunaw il-fidi. Ma' dawk li nsewh. Ma' dawk li għalihom l-festa tiġi biss għad-divertiment. Ma' dawk li fit-tiġrib tal-ħajja m'għadhomx iħarsu lejh għall-għajnuna.

Illum lil San Ġorg ngħidulu:

***U meta tkun għaddej mit-toroq ta' beltna tonqosx li tħalli fuqna l-barka tiegħek biex matul il-jiem kollha tas-sena aħna nibqgħu nħarsu lejk u minnek nitolbu kull għajnuna li żgur ma tonqosx f'kull għawġ li jista' ikollna.***

Għalhekk ikollna raġun f'kull festa li tiġi, f'kull jum li jgħaddi minn fuqna nlissnu għalenija:

**VIVA SAN GORG VIVA L-PATRUN TAGHNA**

# IL-BANDA CITTADINA 'LA STELLA' MISTIEDNA IDDOQQ FIL-GERMANJA



Il-Banda Ċittadina "La Stella" ġiet uffiċċjalment mistiedna tieħu sehem fil-festi kbar li jsiru fil-belt ta' Adenau fil-Ġermanja aktar tard din is-sena biex ifakkru egħluq l-elf sena mit-twaqqif tagħha. Għall-okkażżjoni l-banda se tesegwixxi Programm Mużikali fil-preżenza ta' l-għola awtoritajiet tal-belt u tieħu sehem f'żewġ sfilati li ser isiru mat-toroq ewlenin ta' Adenau. Programm varjat ta' kant, daqq, mużika moderna, żfin u folklore ġie mħejji biex ifakkar din il-ġrajja storika bis-sehem ta' baned, gruppi, korijiet u ensembles mill-Ewropa kollha. Il-qofol tal-programm jintlaħaq nhar is-Sibt 29 ta' Awissu meta l-parteċipanti kollha jippreżentaw bejniethom serata kommemorattiva f'waħda mill-pjazez tal-belt. Il-Banda Ċittadina "La Stella", li se tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha Joseph Vella, se tħalli Malta bl-ajru għall-Ġermanja fis-27 ta' Awissu u terġa' lura fl-1 ta' DSettembru. Tul il-mawra tagħha fil-Ġermanja l-Banda ser iżżur ukoll Bonn u Frankfurt.

## IL-GRUPP FOLKLORISTIKU ASTRA JIRRAPPREŻENTA LIL MALTA U LIL GĦAWDEX FIL-FILLANDJA



Il-Grupp Folkloristiku "ASTRA" se jirrappreżenta lil Malta u lil Għawdex f'Festival Internazzjonali tal-Folklore li se jsir fil-belt ta' Kaustinen fil-Fillandja bejn it-18 u s-26 ta' Lulju. L-edizzjoni ta' din is-sena hija waħda speċjali mhux biss għaliex hija l-25 waħda, imma anke għax se tikkommemora l-75 anniversarju ta' l-indipendenza tal-Fillandja. Il-Grupp ASTRA ser jagħti spettaklu ta' żfin u kant tradizzjonali malti f'lejla folklorisika dedikata għal Malta nhar il-Ħamis 23 ta' Lulju. Għadd sabiħ ta' pajjiżi barranin ġew mistiedna jipparteċipaw f'dan il-Festival, fosthom ir-Russja, Turkija, l-Amerika, Kanada, Svezja, Ġermanja, Żvizzera, Eġittu, Italja, Portugal, Trinidad u l-Irlanda. Is-serata finali, li se ssir fis-26 ta' Lulju, ser tiġi trasmessa bil-Eurovision fil-parti kbira tal-pajjiżi Ewropej.

## Sett gdid ta' Pavaljuni ghal Triq Sant' Indrija



Waħda mit-toroq żgħar qrib il-Bażilika ta' San Ġorġ, Triq Sant' Indrija, din is-sena se tiġi mżejna u mdawla b'sett ġdid ta' pavaljuni għall-festa. Bl-inizjattiva tas-Sur John B. Mizzi, wieħed mir-residenti, saru sett ta' sitt pavaljuni ġodda tad-dawl li ċertament ser ikomplu jsebbħu l-armar ta' barra li qed jikber min sena għal oħra.Il-pavaljuni nħadmu fuq disinn tas-Sur Paul Grech minn Vivctoria. L-ispejjez tħallsu mill-familji ta' din it-triq u minn ġbir permezz ta' attivitajietr oħra. Il-partotarji huma mħegga jgħinu ħalli l-ftit spejjeż li fadal jitħallsu f'qasir żmien.

## IL-BANDA ĊITTADINA "LA STELLA" FI TLIET FESTI F'MALTA

**Minbarra s-sehem kbir tal-banda "La Stella" fil-festa ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria u f'uħud mill-festi fl-irħula t'Għawdex il-Banda "La Stella" ġiet mistiedna wkoll fi tliet festi knar f'Malta li ser jiġu ċelebrati fi żmien ta' erba' ġimgħat. L-ewwel okkażżjoni hija l-Festa ta' San Ġorġ f'Hal-Qormi u -tieni mpenn huwa fil-festa tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema. Il-Banda "La Stella" ġiet mistiedna wkoll tieħu sehem fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq. Għadd sabiħ ta' partitarji mistennija jissieħbu mal-Banda f'dawn it-tliet festi f'Malta.**

# PROGRAMM TAL
# LI JIĠU ĊĊELEBRATI FIL-BELT VICT
# SAN ĠORĠ ME
## 8 - 19 t
## 19

**L-Erbgħa 8 ta' Lulju – *Ftuħ tal-Festi***
**Fit-8.30p.m.** L-Għaqda Żgħażagħ La Stella tippreżenta d-Dramm Mużikali "IL-MARTRI TA' LIDDA" fi Pjazza San Ġorġ.

**Il-Ħamis 9 ta' Lulju**
**Fis-7.00p.m.** L-Aħħar Ħamis bi tħejjija għall-Festa u bidu tan-Novena - Quddiesa bl-Omelija mill-W.R. Kan. Kun Nikol Vella Apap. Jieħu sehem il-"Chorus Urbanus"

**Il-Ħadd 12 ta' Lulju**
**Fil-10.00 a.m.** Dun John Vella jqaddes l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu flimkien mal-Kapitlu u l-Presbyterium Parrokkjali. Il-Banda La Stella takkumpanja l-Korteo b'daqq ta' marċi brijużi.

**It-Tnejn 13 ta' Lulju – *Jum iż-Żgħażagħ***
**Fis-7.00p.m.** Laqgħa kbira għaż-Żgħażagħ tal-Parroċċa fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali.
*Suġġett:* "Id-Droga u x-Xorb: fejn hu l-problema ?"
*Kelliema:* Dr. David Cassar M.D., Direttur tad-Detox Centre u Dun Manwel Cordina, Direttur tal-OASI.

**It-Tlieta 14 ta' Lulju – *Jum il-Ġenerożita'***
**Fil-5.30p.m.** Konċelebrazzjoni mmexxija minn Dun Manwel Curmi, Direttur tal-Uffiċċju tal-Promozzjoni Umana fil-Kurja. Fi tmiem il-Quddiesa, l-Arċipriet f'isem il-Parroċċa joffri dak li jkun inġabar fil-Kampanja ta' Ġenerożita' b'risq id-Dar tat-Tfal u Ċentri oħra li l-Knisja għandha f'Għawdex
**Fis-7.00p.m.:** Marċ mill-Banda Ċittadina "La Stella" organizzat mill-Għaqda Żgħażagħ tas-Soċjeta', mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ.
**Fit-8.00p.m.:** Ħruġ min-niċċa ta' l-istatwa ta' San Ġorġ, kapolavur fl-injam ta' P.P. Azzopardi, l-ewwel statwa titulari f'Għawdex

**L-Erbgħa 15 ta' Lulju – *L-Ewwel Jum tat-Tridu***
**Fil-4.30p.m.:** Quddiesa għall-Anzjan u l-Morda tal-Parroċċa. Jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda u tingħata tifkira lil dawk kollha preżenti. Imexxi din il-Funzjoni l-W.R. Mons. Pawl Attard, Direttur tad-Dar tal-Kleru, Malta.
**Fil-5.30p.m.:** Quddiesa
**Fis-6.30p.m.:** Għasar bil-Kant Polifoniku bis-sehem tal-kor "Laudate Pueri" u priedka tat-Tridu mill-W.Rev. Patri Albert Micallef OFM. Wara l-Priedka: Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**Fid-9.30p.m.:** Dimostrazzjoni minn Pjazza San Franġisk bl-Istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel, xogħol tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi. Tieħu sehem il-Banda "La STella" L-ogħob tan-Nar fi Pjazza San Franġisk u fi Triq ir-Repubblika.

**Il-Ħamis 16 ta' Lulju**
***It-Tieni Jum tat-Tridu***
**Fit-8.15a.m.:** Konċelebrazzjoni b'suffraġju tal-membri tal-Komunita' Parrokkjali li mietu mill-aħħar festa ta' San Ġorġ sa dan iż-żmien.
**Fil-5.00p.m.:** Quddiesa mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi, għat-tfal kollha tal-Parroċċa. Jiġu amministrati s-Sagramenti ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma ta' l-Isqof lit-tfal tal-Emigranti li jkunu ġew fostna għall-Festa. Premjazzjoni ta' l-aħjar tifel u tifla taċ-Ċentri tad-Duttrina tal-Parroċċa. Tingħata tifkira ta' l-okkazzjoni lit-tfal kollha li jattendu.
**Fis-6.30p.m.:** Kollox bħal jum ta' qabel.
**Fid-9.30p.m.:** Marċ brijuż mill-Banda Ċittadina "La Stella" minn Pjazza San Ġorġ għal mat-torq ta' madwar il-Bażilika.



**Il-Ġimgħa 17 ta' Lulju**
***L-Aħħar Jum tat-Tridu***
**Fit-8.15a.m.:** Konċelebrazzjoni b'suffraġju tas-Saċerdoti mejtin tal-Parroċċa.
**Fis-6.00p.m.:** Kollox bħal jum ta' qabel
**Fid-9.30p.m.:** Dimostrazzjoni grandjuża bl-Istatwa ta' San Ġorġ - kapolavur ta' Vincenzo Cremona u l-ewwel statwa tal-festi titulari esterni f'Għawdex. Tieħu sehem il-Banda Ċittadina "La Stella" li żżanżan sett ta' marċi ġodda. Logħob kbir tan-nar fi Pjazza San Franġisk u fi Triq ir-Repubblika.

**Is-Sibt 18 ta' Lulju – *Lejlet il-Festa***
**Fit-8.15a.m.:** Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Salv Borg, li fiha jsir talb għall-Benefatturi ħajjin u mejtin tal-Parroċċa. Fit-tmiem tal-Quddiesa jiġi ntonat Te Deum bħala tmiem tan-Novena.
**Fid-9.30a.m.:** Marċ brijuż mill-Banda Ċittadina "La Stella" fiċ-ċentru tal-Belt Victoria.
**Fis-6.00p.m.:** Marċ mill-Banda "La Stella" mill-Każin sal-Pjazza San Ġorġ, biex tilqa' l-wasla ta' l-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.
**Fis-6.30p.m.** Transulazzjoni Solenni u Għasar Pontifikali mmexxi mill-E.T. Mons. Isqof, flimkien mal-Kapitlu.

# ,-FESTI SOLENNI
# ORIA F'ĠIEH IL-PATRUN T'GĦAWDEX
# GALOMARTRI
## a' Lulju
## 92



Ċelebrazzjoni Ewkaristika
**Fis-7.30p.m**. Riċeviment fl-Awla Kapitulari f'ġieħ l-E.T. Mons. Isqof. Jattendi l-Kapitlu, il-Presbyterium u l-Kumitat u l-Bandisti tas-Soċ. Fil. "La Stella".
**Fit-8.00p.m.:** Programm Mużikali mill-Filar. "King's Own" tal-Belt Valletta fi Pjazza San Ġorġ. Jidderieġi Mro. Carmelo Caruana.
**Fid-9.30p.m.**: Esekuzzjoni mill-Banda "La Stella" fi Pjazza San Ġorġ ta' l-Innu mmortali "A San Giorgio Martire" versi tal-Prof. Luigi Billion mużika ta' Gius. Giardini Vella. Jidderieġi Mro.Joseph Vella B.Mus.(Dunelm) FLCM. Dritt waraMarċ singolari biṣ-sehem taż-żewġ baned Ċittadini "King's Own" u "La Stella" li matulu ż-żewġ baned idoqqu flimkien bħala "massed band". Wara l-marċ logħob kbir tan-nar fi Pjazza Sabina.

## Il-Ħadd 19 ta' Lulju
## *Jum il-Festa*

**Fit-8.00a.m.**: Marċ minn Pjazza San Ġorġ mill-Banda "King's Own".
**Fit-8.15a.m.**: Wasla tal-E.T. Mons. Isqof u Kant tat-Terza.
**Fit-8.30a.m.:** Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi Ph.D., Lic.Sc.Soc. Jinseġ il-Paniġierku l-W.R. Patri Ġorġ Aquilina O.F.M.,Vigarju Provinċjali.
**Fl-10.15a.m.:** Radio Malta l ixandar Sett Ġdid ta' marċi mill-Banda Ċittadina "La Stella"
**Fl-10.30a.m.:** Marċ brijuż mill-Baned "King'Own" tal-Belt Valletta u "Anici" ta' Ħal-Qormi.
**Fis-2.30p.m.:** Tiġrijiet Tradizzjonali b'sehem ta' bhejjem minn Malta u Għawdex. Il-Ministru għal Għawdex iqassam trophies u palijiet sbieħ lir-rebbieħa.
**Fil-5.00p.m.:** Quddiesa bl-Omelija mill-W.R. Mons. Clo. Scicluna, Arċipriet tal-Kattidral
**Fis-6.15p.m**.: Għasar Solenni mmexxi mill-W.R.Mons. Salv Borg, Arċipriet tal-Bażilika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**Fis-6.30pm.:** Marċ minn Triq ir-Repubblika mill-Banda "Sliema" għall-Pjazza San Ġorġ.
**Fis-7.00p.m.:** Marċ mill-Banda Ċittadina "La Stella" minn quddiem il-Każin għall-Pjazza San Ġorġ.
**Fis-7.30p.m.**: Jibda l-ħruġ tal-Purċissjoni Pontifikali. Il-Banda "La Stella" tesegwixxi l-Innu "A San Giorgio Martire" bis-sehem tal-Baritonu, Tenur u l-Kor tas-Soċjeta'
**Fit-8.00p.m.**: Tibda timmarċja l-Purċissjoni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Djoċesan, bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru tal-Bażilika u l-membri ta' l-Ordnijiet Reliġjużi tal-Belt Victoria. Takkumpanja l-Banda "La Stella" b'daqq ta' innijiet popolari u reliġjużi.
**Fil-10.30p.m.:** Daħla Trijonfali ta' l-Istatwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika fost daqq ta' l-Innu Popolari "Ġorġi Tagħna", versi ta' Patri Akkursju Xerri O.F.M., mużika ta' Mro. Vincenza Ciappara mill-Banda "Sliema".
**Fil-11.00p.m.:** Marċ brijuż mill-Banda Ċittadina "La Stella" li bih jingħalqu dawn il-Festi Ewlenin lill-Patrun t'Għawdex San Ġorġ Megalomartri.

*********************************

● *Il-Mużika fil-Bażilika, kemm fil-ġranet tat-Tridu kif ukoll lejlet u nhar il-festa, tkun taħt id-Direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella B.Mus.(Dunelm) F.L.C.M. Maestro di Cappella*
● *Fil-jiem tat-Tridu jiġi esegwit mill-Orkestra l-Innu "Georgi Miles Inclite" (1878), komposizzjoni ta' Mons. Gius, Farrugia u l-Antifona, mużika ta' Carlo Flamengo fuq kliem ta' San Pier Damiani.*
● *Lejlet il-Festa jiġi esegwit l-Għasar"Vespri per la Solennita' di S. Giorgio" komposizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1892).*

### Il-Quddies fil-Bażilika nhar il-Festa:

**Fil-4.00a.m., 5.00a.m.,6.00a.m., 6.30a.m., 7.00a.m., 7.30a.m. 8.00a.m., 8.30a.m. *(Pontifikal)*, 9.00a.m. 10.00a.m., 11.00a.m., 12.00pm.**
**Fil-4.00p.m., 5.00p.m..**
**✯ Il-Quddies tat-8.00am,9.00a.m u tal-10.00a.m. jinżammu fiċ-Ċentru Parrokkjali.**
**✯ Fil-Jum tal-Festa filgħodu tiġi esegwita l-Quddiesa "Mass in D", komposizzjoni ta' Mro. Joseph Vella, Direttur tal-Banda "La Stella".**

### Opri Ġodda fil-Bażilika:

❑ Sett ta' 32 Pjaneta Gotika fil- Bellus Aħmar irrakkmat bid-deheb li sar fuq inizjattiva u bit-tħabbrik tal-Ladies Society tal-Bażilika.
❑ Żewġ Statwi ġodda fil-Faċċata tal-Bażilika - San Ġużepp u l-Kunċizzjoni - xogħol oriġinali tal-Iskultur il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.
❑ Kisi bl-Irħam tal-Gwarniċ tan-Niċeċ ta' San Ġorġ u ta' San Mikiel, mill-Marmista Ronnie Pisani u li sar fuq inizjattiva u bit-tħabbrik tal-W.R. Mons. Ant. Grech Vella.
❑ Indoratura tal-Prospettiva ta'l-Artal tal-Kurċifiss li tħallset mis-Sur Ġorġ Saliba
❑ Indoratura tal-freeze tal-Kappella ta' Santa Katerina. Dawn it-tlett xogħlijiet ta' indoratura saru mis-Sur Joseph Sagona.
❑ Restawr Professjonali minn Sandra Pesso u Francesca Maletto tal-Kwadru ta' l-Erwieħ, xogħol Mattia Preti.
❑ Indoratura tal-Koppletta u l-Freeze tal-Kappella tal-Kurċifiss li tħallsu mill-Mro. Ganni Vella.

# IL-QIMA LEJN IR-RELIKWI

Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap



*Ir-Relikwa ta' San Ġorġ li nġabet minn Ruma fl-1984*

## It-Tifsira tal-kelma "Relikwija"

Il-kelma "Relikwija" ġejja mill-kelma latina (verb) 'relinque' li tfisser tħalli. Fis-sens ġeneriku l-kelma "Relikwija" tfisser dak li jibqa', (ġisem, jew parti mill-ġisem, oġġetti li kellhopm x'jaqsmu mal-ġisem) minn persuna li quddiem il-poplu kienet magħrufa bi kwalitajiet li għażluha minn ħaddieħor.

F'din il-kategorija jidħlu r-Relikwiji kollha anke fost il-popli pagani. Fis-sens speċifiku propju tar-reliġjon kattolika, hemm ir-relikwiji tal-Qaddisin, jiġifieri, il-ġisem jew parti mill-ġisem. Fis-sens wiesgħa xi oġġetti li kellhom xi kuntatt mal-ġisem tal-Qaddis hekk li huma dehen għall-qima.

## Tagħrif storiku fuq ir-Relikwi

Il-qima lejn ir-Relikwi tiddistingwi ruħha fil-bidu tal-qima lejn il-martri li għandhom qima bħala eroj tal-fidi nisranija. Din il-qima kellha bidu speċjalment fuq il-qabar tal-martri, fejn kienu jmorru l-insara biex jitolbu l-ħarsien tagħhom. Sa mis-Seklu II kien jiġi ċċelebrat b'sollennita' l-anniversarju tal-martri bis-sagrifiċċju Ewkaristiku offert fuq il-qabar. Mir-IV Seklu bdew jibnu l-kappelli u l-bażiliċi fuq l-oqbra glorjużi. Fl-ewwel sekli kien assolutament ipprobjit u magħruf bħala profanazzjoni li wieħed jieħu xi biċċa żgħira mill-ġisem tal-martri. Għalhekk l-insara bdew ifittxu li jbillu xi drapp bid-demm tal-martri biex ikollhom Relikwa li lilha jagħtuha qima. Hekk li kienu jqimu wkoll bħala relikwa l-istrumenti tal-martirju tagħhom. Pereżempju l-ktajjen ta' San Pietru.

Bħala konsegwenza tal-qima kbira lejn ir-relilwi tal-martri nsibu t-translazzjoni tal-fdalijiet tal-martri biex jinbnew santwarji għad unur tagħhom, u xi biċċa żgħira mill-ġisem tagħhom biex issir f'qabar żgħir fl-artal, jew għall-qima privata. Din id-drawwa d-drawwa bdiet fis-Seklu IV fil-Lvant u fis-Seklu VII u VIII daħlet fil-Punent.

Mis-Seklu VIII kien obbligatorju l-qabar bir-relikwi tal-martri għall-konsagrazzjoni ta' altar ġdid. Din il-ħaġa baqgħet obbligatorja sal-Konċilju Vatikan II. Illum fil-konsagrazzjoni ta' altar ġdid jistgħu jitqegħdu relikwi tal-Qaddisin Konfessuri.

Barra l-qabar tal-Martri u l-qabar żgħir tar-relikwi ta' l-artali fis-Sekli VIII u IX nibet l-użu tar-"Relikwarji" għall-wiri.

Knejjes u Monasteri nsibuhom b'imħatra bejniethom min minnhom l-iżjed ikollu relikwi tal-martri. Wara l-qima lejn il-martri bħala eroj tal-Fidi bdiet dieħla l-qima lejn l-eroj tal-perfezzjoni nisranija, jiġifieri l-qima lejn ir-relikwi tal-qaddisin Konfessuri, speċjalment lejn l-isqfijiet u fundaturi ta' Ordnijiet Reliġjużi.

Fi żmien il-Kroċjati waslu fil-Punent bħala Relikwi mill-postijiet Imqaddsa oġġetti li ħafna minnhom mhux ta' min iżopomhom bħala awtentiċi. Hekk ukoll ġara wara li bdew jinkixfu l-Katakombi fis-Seklu XVI, ta' spiss beda jsir kummerċ mir-relikwi tal-martri fejn bi żball dawn it-talin żammew oqbra għax kellhom biss is-sinjali tal-palma, tal-kuruna jew tal-monogramma ta' Kristu.

## Il-Qima Nisranija

Il-kult kattoliku tar-relikwi ma hux biss fuq il-qima li wieħed jagħti lil dak kollu li għandu x'jaqsam mal-persuna li lejha hemm stima partikolari, imma speċjalment fuq il-qima reliġjuża li għandha tingħata lill-qaddisin Martri, bħala eroj tal-fidi u mudelli tal-perfezzjoni nisranija.

Mela il-qima kattolika lejn ir-relikwi tal-Qaddisin hija qima relattiva lil Alla, jiġifieri wieħed iqim lir-relikwi tal-Qaddisin biex iqim lil Alla.

Il-ġisem tal-Qaddisin huwa oġġett ta' qima speċjali. Għaliex?

1. Kien strument ta' l-Ispirtu għall-akkwist u l-fehma tal-Qdusija.
2. Kien tempju ħaj ta' l-Ispirtu s-Santu kif jgħallem San Pawl (I Kor. VI.19).
3. Huwa għad iqum glorjuż biex igawdi l-premju ta' l-hena eterna fis-sema.

Mela bħala fundament tal-qima tar-relikwi tal-qaddisin nsibu l-fidi kattolika speċjalment d-domma tal-qawma tal-ġisem mill-imwiet u t-tama fil-qawma tal-qaddisin ippruvat b'ħafna mirakli li saru bil-qawwa tar-relikwi li għandhom qima.

San Ġirolmu kontra l-eretiku Vigilanzju kiteb: Ma jadurawx lir-relikwi, imma r-relikwi tal-Martri jiġu meqjuma biex jaduraw lil Dak li tiegħu huma "MARTYRES", "XHUD". (i)

## Reliwki ta' San Ġorġ f'Ruma, Malta u Għawdex.

Relikwa insinji hija dik tar-Ras (il-CRANIO - il-QORRIJA) ta' San Ġorġ-il-Megalomartri per eċċellenza."

*ikompli f'paġna 7*

jaqbad minn paġna 6

Għal snin twal ir-Relikwija Mirakoluża ta' San Ġorġ inżammet għall-qima ta' l-insara fil-Bażilika Patrijarkali tal-Lateran, sakemm fis-sena 949 il-Papa Żakkarija (741-752) qatagħha li jittrasporta din ir-relikwija mill-Bażilika Lateranensi u jqiegħdha fil-Bażilika Ġorġjana "Ad Velum aureum". Il-"Liber Pontificalis" tal-Knisja ta' Ruma jgħarrafna dwar din il-ġrajja. Il-Bibbljotekarju Anastasju, bijografu tal-Papa Żakkarija, ifissrilna kif il-Papa nnifsu ġarr sollennement ir-relikwa qaddisa ta' Ras il-Martri ta' Lidda mill-Lateran għad-Djakonija "Ad Velum aureum" qalb il-ferħ tal-kleru u l-poplu ta' Ruma" (ii).

Din ir-Relikwa Insinji kellna x-xorti nġibuha fil-Bażilika Monumentali tagħna ta' San Ġorġ, meta b'sollennita' kbira ċċelebrajna s-sbatax-il ċentinarju mit-twelid ta' San Ġorġ. Lapida kommemorattiva twaħħlet wara fil- Bażilika biex tfakkar għal dejjem din il-ġrajja.

Fil-Knisja Matriċi u Arċipretali ta' San Ġorġ tal-Belt Pinto (Ħal-Qormi) f'Ostensorju sabiħ u rikk ta' stil gotiku bħala relikwa ta' San Ġorġ insibu "Il Clavicola", l-Għadma ta' l-Għonq.

Fil-Bażilika u Kolleġġjata tagħna bħala relikwa ta' San Ġorġ insibu biċċa "Ex costa St. GEORGII M.", biċċa mill-kustilja ta' San Ġorġ. Din ir-relikwa titpoġġa f'Ostensorju sabiħ ta' stil barokk li kien ħalla għalih l-Kan. Ġużeppi Vassallo, hekk li jġib din il-kitba: Donum C. Josephi Vassallo 1821. (iii).

Dawn iż-żewġ relikwi tal-Megalomartri San Ġorġ fil-jiem tal-festi sollenni li jsiru fiż-żewġ parroċċi qodma ta' Malta u Għawdex jitpoġġew fuq l-artal maġġur għall-qima ta' l-insara, kemm fil-feta liturġika tat-23 ta' April kif ukoll fil-festa esterna. Dawn iż-żewġ relikwi ta' San Ġorġ joħorġ fit-Transulazzjoni lejlet il-festa u fil-puċissjoni ta' nhar il-festa.

Riferenzi:
i) G.Palerno e A.Serafini. Papa Giovanni. Rivista di Informazione Religiosa. Nov.1991. Morte e Vita. Il Culto delle Reliquie.pp43-45.
ii) Rev. Joseph Farrugia. Il-Miġja fostna minn Ruma tar-Relikwija ta' San Ġorġ. Il-Belt Victoria. Ħarġa Speċjali f'Għeluq l-1700 sena mit-Twelid ta' San Ġorġ. p.6.
iii)Kan.Dun Nikol Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex.Ms.Vol.I.p.33.

# RUKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Kif intom? Naħseb li bħalissa qegħdin tgħidu: "Għall-erwieħ! Ħlisna minnhom!" U hawn qed nirreferu għall-eżamijiet, hux tassew? Nittama li tħejjejtu sewwa u bil-għaqal għalihom u issa qegħdin tistennew riżultati tajba, jekk mhux diġa waslulkom.

Intant, issa ninsew daqsxejn l-uġiegħ ta' ras ta' l-eżamijiet u naħsbu ftit fil-festa tal-maħbub Patrun tagħna San Ġorġ. Għandi naħseb li lkoll kemm intom qegħdin tħejju għaliha. Naħseb li kulħadd beda jaħseb għal xi libsa sabiħa, l-aktar il-bniet. Is-subien qajla jagħtu każ ta' x'se jilbsu fil-festa, għalkemm kollha kemm huma jixtiequ li jkunu puliti kemm jista' jkun dak in-nhar.

Biss, tfal, it-tħejjija għall-festa ma tfissirx biss x'se nilbsu u kemm se niddevertu fil-marċijiet. Jeħtieġ nitħejjew ukoll mil-lat spiritwali. Per eżempju, irridu nieħdu sehem fil-funzjonijiet kollha li jsiru qabel. Imma hemm ħaġa oħra li rridkom tagħtu każ ħafna tagħha. Tafu x'inhi?

Tfal, kull sena, fil-festa ta' San Ġorġ, issir kampanja għall-karita'. Matul dan iż-zmien jinġabru diversi affarijiet, fosthom ukoll flus, biex imbagħad jitqassmu lil dawk li huma bil-bżonn ħafna aktar minna. Issa iena nixtieq li intom it-tfal tkunu minn ta' quddiem nett biex bħall-kbar, minn dak li hu tagħkom, tagħtu sehemkom f'din il-kampanja. Ma nixtieqx li tittalbu l-flus mingħand il-ġenituri tagħkom. nixtieq li l-flus ikunu minn dawk li għandkom fil-karus. Nittama li fuq dan il-punt ftehimna.

Issa, ħaġ'oħra. Ġejjin il-vaganzi tas-Sajf. Taħluhomx! Qisu li l-istudju ma tħalluhx għal kollox. Araw li taqraw xi ktieb sabiħ u interessanti, u li tagħmlu wkoll ftit ta' *revision*. Barra minn hekk, ħudu ħsieb ukoll ta' ruħkom. Araw li l-baħar ma jdgħajfilkomx il-fidi jew iberridhielkom. Il-Quddiesa u t-Tqarbina ta' kuljum, la tħalluhomx. Qisu li tibqgħu tfal tajba.

Għal-lum, dak kollox, tfal. Iddevertu b'mod għaqli. Il-Festa t-Tajba! U bilħaqq, għumu xi waħda għalija! Tata'.

Iz-Ziju Peppi.

## AVVIZ IMPORTANTI LIT-TFAL KOLLHA.

**Nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju fil-5.00p.m. ser issir laqgħa kbira u speċjali għalikom it-tfal tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Din il-laqgħa ser issir fil-Bażilika ta' San Ġorġ, u Mons. Isqof ser iqaddes u jkellem lit-tfal kollha. F'din il-quddiesa xi tfal ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u oħrajn l-Griżma ta' l-Isqof.Ser jiġu ppremjati wkoll l-Aħjar Tifel u Tifla taċ-Ċentri kollha tad-Duttrina kif ukoll taċ-Ċentru Parrokkjali tagħna. It-tfal kollha jiġu mogħtija rigal, kif ukoll ġelat.**

# *LIL SAN ĠORĠ, PRINĊEP TAL-MARTRI*



Mal-kbir martri ta' Lidda nifirħu
F'dan il-jum meta hu ħareġ rebbieħ,
għax illum hija l-festa' ta' Ġorġi
li b'għemilu lil Alla ta ġieħ;

f'Kappadoċja San Ġorġ xerred demmu,
għażel fis li għal Kristu jmut martri
minflok tiegħu mar jiċħad il-fidi,
lejn is-sema huwa mar trijunfanti.

Ta' kull sena aħna festa nagħmlulek,
ġo dil-belt fin-nofs ta' gżiritna
fejn il-polz ta' dal-poplu jħabbat,
fil-Bażilika li maż-żmien aħna writtna.

Ta' xbihatek, San Ġorġ, wisq maħbuba,
erba' statwi - skulturi għamlulek;
l-eqdem waħda hu dik t'Azzopardi
li ġol-knisja kull sena nżejnulek.

Minn idejn tfajjel rabti ħabrieki,
ħarġet statwa ta' Ġorġi żagħżugħ
biex ukoll ta' kull sena ż-żgħażagħ,
f'marċ lil Ġorġi mħabbithom juruh!

Biex intemm din il-għanja qasira,
nixtieq talba għażiża nagħmillek -
fi kliem umli minn qalb Ġorġjan Għawdxi
llqa' dawn il-ftit versi li nsiġtlek.

U għalhekk, O San Ġorġ, jien nitolbok
biex mis-sema int dejjem tkun magħna;
agħmel int li minn tiegħek il-barka
tinżel fuqna u fuq dan Għawdex tagħna.

*Victoria Għawdex* — **Nathaniel Attard 24-3-1992**

# OPRA TA' MIN IFAĦĦARHA

Il-qofol tal-ħajja liturġika tal-komunita' Nisranija qiegħed fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija (il-Quddiesa).

Il-komunita' Nisranija tiċċelebra l-Ewkaristija billi tinġabar f'imkien qaddis u, immexxija minn saċerdot - waħdu jew flimkien ma' saċerdoti oħra - twettaq b'heġġa u devozzjoni dawk ir-riti li permezz tagħhom Ġesu' Kristu jsir sagramentalment Preżenti bħala Vittma għall-fidwa tagħna u bħala Ikel tal-ħajja ġdida tagħna bħala wlied adottivi t'Alla.

Is-saċerdot - jew saċerdoti flimkien - li jmexxi ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika ma jwettaqx dmirijietu b'xi setgħa personali iżda bħala **rappreżentant sagramentali** ta' Ġesu' Kristu, is-saċerdot il-Waħdieni li hu l-għajn tas-saċerdozju tal-ministri kollha tiegħu. U sabiex dan jidher dejjem aktar , is-saċerdot **jilbes ilbies simboliku li jirrappreżenta l-misteru ta' Kristu** "Ħaruf bla tebgħa" (l-alba bajda), "Setgħan kontra l-ħażen" (ċinglu), "Saċerdot" (stola) u "Santifikatur" (pjaneta). **B'hekk jidher aktar ċar** li dak li qed imexxi l-komunita' liturġika **hu Kristu nnifsu** permezz tal-ministri tiegħu.



*Waħda mill-pjaneti biddisinn ta' wara.*

Il-libsa liturġika ewlenija hi l-pjaneta li tista' issir skond it-tifsila Rumana jew Gotika.Din għandha ssir skond il-lewn liturġiku preskritt. Il-lewn għandu l-għan li jfisser il-misteru ċċelebrat. P. della Valentina jżid jgħid li l-forma tal-pjaneta żżid s-sbuħija tar-rit liturġiku u l-materjal li minnha tkun magħmula jixhed għan-nobilta' ta' l-azzjoni ċelebrata (ara P. della VALENTINA, **I riti e le preghiere della Messa** pp 42-45).

Is-sett ta' pjaneti ġodda li l-LADIES SOCIETY ta' din il-Komunita' Parrokkjali qed tirregala lill-Bażilika ta' San Ġorġ sabiex jiżżanżan fil-festa ta' San Ġorġ ta' din is-sena jirrealiżża dawn il-fatturi kollha.
a) Is-sbuħija tal-pjaneti qiegħda fil-forma tat-tifsila, fis-serjeta' ta' l-ilwien, fis-sinjorilita' tad-disinni u fir-raffinatezza tar-rakkmu.
b) In-nobbilta' tagħhom tidher fl-impenn kbir li talbu minn dawk kollha li ħadmu, u ħadmu sħiħ, sabiex isiru, bil-għan li għalih saru, fl-użu sagru li ser isir minnhom, fil-għajnuna li ser jagħtu
għal ċelebrazzjoni aktar solenni tal-liturġija li fiha jintużaw c) Il-lewn tagħhom igħin, kif jgħidu d-direttivi tar-rubriki lituġiċi, sabiex jinftiehem aħjar il-misteru ċelebrat. L-aħmar hu simbolu tan-nar ta' l-Ispirtu s-Santu li ħeġġeġ fir-ruħ tal-martri San Ġorġ, tad-demm li xerred għall-imħabba ta' Kristu u tar-regalita' tas-Sultan Divin li għalih xerred demmu.

Dawn huma lkoll fatturi li jagħmlu minn din l-opra tal-LADIES SOCIETY opra ta' min japprovaha, ta' min ifaħħarha, ta' min jinkoraġġiha u jinkoraġġixxi oħrajn bħalha.

Is-sett igħodd 32 pjaneta maħdumin fil-bellus aħmar, bi stoluni aktar skuri bir-rakkmu tad-deheb fuqhom, ikoll bl-istola tal-bellus u d-deheb. Dawn saru sabiex jintużaw mill-membri tal-Kapitlu Ġorġjan u mis-Saċerdoti li jikkonċelebraw f'jum il-festa esterna ta' San Ġorġ (Lulju) u fit-tifkira liturġika tiegħu (April).

Saru bit-tħabbrik ta' bosta, l-Arċipriet, saċerdoti u lajċi li b'ħinhom u bi flushom għenu lill-LADIES SOCIETY sabiex setgħet twettaq din l-oprA kbira li tagħmel ġieħ mhux biss lis-soċjeta' infisha iżda wkoll lill-Komunita' Parrokkjali kollha.